MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

Il-Gimgha, 2 ta' Frar, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fis-13:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
Martina Cassar – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Deputat Segretarju Eżekuttiv

PREZENZA TAL-PUBBLIKU:

Pauliana Said – Accountant

## 33.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.1.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

33.1.2 Is-Sur Franco Buhagiar ġibed l-attenzjoni illi dwar punt numru 32.3.2 tal-minuti preċedenti, kien hu li ressaq dak il-punt u mhux il-Kunsilliera Carmela Grima u għalhekk sar qbil li dan il-punt għandu jiġi kkoreġut kif ġej: 'Il-Kunsillier Franco Buhagiar staqsa jekk mal-applikazzjoni tal-PA tal-*Boutique Hotel* li jinbena fi Triq Wied il-Merill, tħallsux flus lejn il-UIF Funds jew ħasbux biex mal-permess ikun hemm parkings speċifiki għall-*hotel*. Is-SE qalet li se tibgħat lill-PA għal din l-informazzjoni.'

33.1.3 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 33.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

33.2.1 Is-Sindku ta merħba lill-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ il-ġdida, is-Sinjorina Martina Cassar u spjegalha l-irwol tal-Kunsill Lokali.

33.2.2 Is-Sindku rringrazzja lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li qed tieħu post is-Segretarju Eżekuttiv sakemm qegħda bil-*maternity leave*.

33.2.3 Dwar punt numru 32.2.5 mill-minuti precedenti, is-Sindku nforma lill-Kunsill illi tkellimna mal-Inginier Mario Galea u dan għandu jipprepara draft tat-tender għall-*Electric Vehicle* u r-roti . Apparti din it-tender, hemm ukoll tenders għal Mizura 4.3 għall-proġett bil-fondi tal-Ministeru għal Għawdex li qed jiġu ppreparati.

33.2.4 Dwar punt numru 32.3.1 mill-minuti preċedenti, is-Sindku qal li l-cameras li ġew magħżula jiġifieri dawk tal-irħas stima li hija ta' IT Services LTD, twaħħlu fil-Pjazza u diġa bdew jaħdmu u qed juru ċar biżżejjed li *number plate* ta' karozza jista' jinqara. Dak il-ħin saret dimostrazzjoni tagħhom u l-Kunsilliera kienu sodisfatti.

33.2.5 Is-Sindku qal illi dwar PA 3307/16 tal-*Guest House* li qed tinbena fi Triq Wied Merill, ġejna infurmati mill-PA li ser ikun hemm erbatax-il guest room u tliet kaxxi tal-parking.

33.2.6 Is-Sindku qal li l-Onor. Clint Camilleri tah appuntament sabiex jiddiskuti miegħu l-koperattiva u materji oħra bħal ma huwa l-ġnien botaniku ġewwa Franza. Is-Sur Franco Buhagiar qal illi dwar il-Kooperattiva diskussa u maqbula fl-aħħar laqgħa, hemm interess anke minn barra r-rahal u s-Sindku żied jghid illi mportanti li nahdmu biex jingħata ncentiv lin-nies tar-raħal sabiex nagħmluha aktar faċli li jieħdu sehem u l-idea tirnexxi.

33.2.7 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi dwar il-fondi li kien ħa l-Kunsill Lokali mingħand ir-Reġjun t'Għawdex, hemm bzonn li ssir applikazzjoni oħra peress li l-offerti li ntefgħu ġew *over-budget* ħafna. Il-Kunsill iddiskuta u qabel illi ssir

applikazzjoni ġdida għal major resurfacing fuq parti minn Triq il-Wileg. Sar qbil u kien hemm qbil ukoll illi nqabbdu lil Perit Mariella Xuereb fuq dan il-progett.

33.2.8 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-*website* tal-Kunsill Lokali bħalissa tinsab wieqfa u mhix tintuza. Ġie diskuss illi għalkemm nużaw il-Facebook biex nippromwovu l-attivitajiet li jkunu għaddejjin u nagħtu informazzjoni ġenerali dwar ir-raħal, tajjeb li jkollna *website* u fiha nistgħu nagħmlu anke link ghall-paġna ta' Facebook. Għalhekk sar qbil illi nitolbu xi kwotazzjonijiet għal din il-*website*.

33.2.9 Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-Kunsill jibda jaħseb biex jiġbor l-informazzjoni biex johroġ rapport ta' ħidma li għamel dan il-Kunsill sa qabel l-elezzjoni li jmiss. Il-Kunsill qabel ma' dan u għalhekk ser tkun qed tibda tinġabar l-informazzjoni.

33.2.10 Is-Sindku ppreżenta xi emendi li rċevejna mid-DLG dwar il-Bye Law. Il-Kunsill approva dawn l-emendi li ser jgħaddu għand l-Avukat għall-kunsiderazzjoni tiegħu u wara nibgħatuhom lid-DLG sabiex imexxu minn naħa tagħhom.

## 33.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

33.3.1 Is-Sur Franco Buhagiar qal illi huwa qed jerġa' jisħaq illi dwar il-proġett ta' Triq il-Wileġ u Triq id-Duluri, il-Kunsill ma joħroġx fondi mill-allokazzjoni tiegħu.

33.3.2 Is-Sur Anthony Formosa ssuġġerixxa illi ssir tabella fejn it-*traffic islands* ġewwa d-Dwejra illi l-karozzi għandhom iżommu max-xellug. Is-Sur Formosa ssuġġerixxa ukoll illi ssir *sign* tal-Merħba fit-tarf ta' Triq il-Wileg. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suġġerimenti.

33.3.3 Is-Sur Joseph Cauchi semma li kuntrattur partikulari għalaq triq bil-krejn u s-Sindku rrispondih illi diġa kellimnieh u vzajnieh illi darb'oħra għandu jagħmel permess.

33.3.4 Is-Sur Anthony Formosa qal li tajjeb li fil-Karnival ikun hawn preżenza tal-Pulizija biex jissorveljaw ir-raħal matul l-attivita'. Is-Sindku rrisponda li ser niktbulhom.

## 33.4 Approvazzjoni tal-Baġit 2018, Rapporti ta' l-aħħar kwart u *Financial Statements* 2018

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-Accountant Pauliana Said. Ġew approvati l-Baġit għas-sena 2018 u r-rapport ta' l-aħħar kwart tas-sena 2017. Hija spjegat il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill kif għalaq is-sena 2017 u qalet li kien hemm infiq daqs kemm kien hemm dħul. L-FSI huwa ta' 7% u għalhekk mexjin għall-aħjar. Hija ġibdet l-attenzjoni fuq oqsma fejn il-Kunsill jista' joqgħod aktar attent għall-infiq tiegħu. Is-Sindku spjega illi l-proġetti li l-Kunsill għandu ppjanati huma kollha ffinanzjati minn skemi jew fondi oħrajn. Il-*financial statements* ġew approvati u ffirmati biex ikunu jistgħu jintbgħatu lill-awdituri.

## 33.5 Ittra ta' terminazzjoni ta' ftehim mill-GreenMT

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-GreenMT bagħat ittra lill-Kunsill fejn infurmana illi ser ikun qed iwaqqaf il-kuntratt tiegħu għall-ġbir ta' skart riċiklat mill-1 ta' Marzu. Is-Sindku qal li huwa jidhirlu li f'sitwazzjoni t'urġenza bħal din, huwa kien jistenna li l-AKL issemma leħinha. Huwa spjega illi l-interess tal-Kunsill hu li jibqa' jingħata s-servizz liċ-ċittadin u ssuġġerixxa li nkellmu lill-kumpanija GreenPak biex naraw jaċċettawx li jieħdu l-kuntratt huma. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-GreenPak.

## 33.6 Ħatra tal-Bord għall-offerta ta' *Assistant* għaċ-Ċentru tad-Dwejra

Il-Kunsill approva illi l-bord għall-offerta ta' *Assistant* għaċ-Ċentru tad-Dwejra tkun kif ġej: Chairman - Is-Sur William Sultana, Membri tal-Bord – l-Accountant Pauliana Said, Dr Joshua Grech, u Profs. Alan Deidun (jekk Profs. Deidun ma jaccettax, nitolbu lis-Sinjura Michelle Vella), Segretarju tal-Bord – Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Marianne Sagona.

## 33.7 Ilmenti u Suġġerimenti

33.7.1 Is-Sindku ppreżenta r-rapport għas-sena 2017 ta' l-Educational Marine Centre fid-Dwejra.

33.7.2 Il-Kunsill qabel li r-rappreżentant għar-*Risk Assessment* tal-Kunsill bħalissa tkun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv sakemm tkun f'din il-kariga hi.

33.7.3 L-Ambaxattur taż-Żgħażagħ ġibdet l-attenzjoni illi ser ikun hemm *Clean Up Day* f'April u staqsiet kif San Lawrenz ma kienx qiegħed fil-lista. Is-Sindku rraporta illi l-Kunsill ser ikun qed jagħmel *Clean Up Day* flimkien mal-Kumitat tad-Dwejra.

33.7.4 Is-Sinjura Carmela Grima ġibdet l-attenzjoni illi l-armar tal-Milied ġie għoli u ssuġġeriet li l-Kunsill jixtri l-armar hu sabiex ikollu tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt iżda ħareg illi xorta trid ħafna spejjeż bħala manutenzjoni u armar kif ukoll spazju fejn jinġabar li kieku jkun tal-Kunsill innifsu. Fil-passat kien sar hekk imma ma rnexxiex.

33.7.5 Fl-aħħar tal-laqgħa gie approvat u ffirmat ir-Rapport ta' Evalwazzjoni ta' l-offerta ta' l-Open Skips – SLLC03/2017.

## 33.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 33.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-15:15 u ġiet aġġornata għat-8 ta' Marzu 2018 fis-13:30.

Noel Formosa
Sindku

Marianne Sagona
Deputat Segretarju Eżekuttiv